MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1525/2000/2

**Il-perit Frederick u Victor aħwa Valentino, u Yvonne mart Anthony Preca.**

**-vs-**

**Dr. Renzo Porsella-Flores u Prokuratur Legali Louisa Tufigno, li b'digriet tat-12 ta' Diċembru, 2000 ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti John Grech.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-21 ta' Lulju, 2000 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi fil-31 ta' Jannar, 1983 mietet Violet Cassar (Dok. TC1), mart Anthony Cassar;

Illi fid-19 ta’ Ottubru, 1981 l-istess Violet Cassar għamlet testment *unica carta* fl-atti tan-nutar Anthony Grech Trapani (Dok. TC2), kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji (Dok. TC3-TC4);

Illi skond id-disposizzjonijiet ta’ l-istess testment, Violet Cassar ħalliet bħala eredi universali in kwantu għal nofs indiviż lill-attriċi Yvonne mart Anthony Preca, u in kwantu għan-nofs indiviż l-ieħor, żewġ terzi ($^2/_3$) lil Melita armla Valentino u terz ($^1/_3$) lill-konvenut;

Illi Melita armla Valentino mietet u ħalliet bħala werrieta tagħha lill-perit Frederick Valentino u lil Victor Valentino fi kwoti ugwali bejniethom, u dan skond testment datat 19 ta’ Jannar tas-sena 1963 fl-atti tan-nutar Dottor Angelo Sammut (Dok. TC5);

Illi fit-30 ta’ Diċembru, 1991 miet Anthony Cassar (Dok. TC6);

Illi fid-19 ta’ Ottubru, 1981 l-istess Anthony Cassar għamel testment *unica carta* fl-atti tan-nutar Anthony Grech Trapani. Sussegwentement, fl-20 ta’ Lulju, 1991 Anthony Cassar għamel testment ieħor fl-atti tan-nutar Dottor Joseph Bonello (Dok. TC7), fejn irrevoka u ħassar dak preċedenti, kif jirriżulta mir-riċerki testamentarji (Dok. TC8-TC9);

Illi Anthony Cassar ħalla bħala werrieta lill-mejta Melita Valentino xebba Cassar, lill-atturi perit Frederick u Victor aħwa Valentino, u lill-konvenut, u dan f’sehem indiviż kull wieħed;

Illi l-atturi jixtiequ li ssir il-qasma u l-konvenut, għalkemm debitament interpellat, baqa’ inadempjenti;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m’għandhiex:

1. Tillikwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti *gia’* eżistenti bejn il-miżżewġin Anthony u Violetta konjuġi

Cassar, billi jiġi ddikjarat li tikkonsisti f'dawk il-beni u assi li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

2. Tordna d-diviżjoni ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti kif likwidata, f'żewġ porzjonijiet ugwali li minnhom waħda tiġi assenjata lill-assi partikolari ta' Violetta Cassar u l-oħra tiġi assenjata lill-assi partikolari ta' Anthony Cassar.

3. Tillikwida l-assi partikolari ta' Violetta Cassar billi jiġi ddikjarat li jikkonsisti fin-nofs indiviż tal-komunjoni u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża.

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Anthony Cassar billi jiġi ddikjarat li jikkonsistu fin-nofs indiviż tal-komunjoni u f'dawk il-beni li jirriżultaw waqt il-kawża.

5. Tassenja l-assi ta' Violetta Cassar in kwantu għal nofs indiviż lill-attriċi Yvonne mart Anthony Preca, u in kwantu għan-nofs indiviż l-ieħor, żewġ terzi ($^2/_3$) li jinqasam bejn l-atturi l-perit Frederick u Victor aħwa Valentino u terz ($^1/_3$) lill-konvenut.

6. Tassenja l-assi ta' Anthony Cassar in kwantu għal tlieta minn tmienja ($^3/_8$) lill-attur perit Frederick Valentino, tlieta minn tmienja ($^3/_8$) lill-attur Victor Valentino u r-rimanenti kwart lill-konvenut.

7. Tordna l-assenjazzjoni tal-legati u/jew prelegati mħollija mill-mejtin Anthony u Violetta Cassar.

8. Jekk ikun il-każ tgħaddi biex tinnomina perit għal-likwidazzjoni u d-diviżjoni neċessarja, nutar biex jippubblika l-att opportun u kuraturi għall-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut li huwa minn issa nġunt sabiex jidher għas-subizzjoni, u liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-konvenut minn kwalsiasi sehem li jista' jkun lilu spettanti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet, ippreżentata fil-15 ta’ Frar, 2001, li permezz tagħha l-konvenuti *nomine* eċċepew bir-rispett:

Illi huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kawża u għalhekk jirriservaw id-dritt illi jressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom iktar ’il quddiem.

Illi huma jitolbu li jiġi mgħoddi kull informazzjoni li għandu l-attur sabiex ikunu jistgħu jistabbilixxu kuntatt ma’ l-istess konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti *nomine* maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet ix-xhieda u rat id-dokumenti esebiti minnhom.

Rat in-nota konġuntiva ppreżentata mill-partijiet fit-3 ta’ April, 2008.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ April, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qegħdin jitolbu d-diviżjoni tal-proprjeta’ tal-persuni msemmija fiċ-ċitazzjoni u *cioe’* il-konjuġi Cassar u li tagħhom huma ko-eredi. Wara l-ġbir ta’ diversi provi rigwardanti l-assi tagħhom il-partijiet ftehmu kemm fuq l-entita’ ta’ l-assi u anke dwar kif għandhom jinqasmu, u għalhekk ippreżentaw nota konġuntiva a fol 227 tal-proċess. Huwa naturali għalhekk illi l-Qorti ser taddotta dan il-ftehim bħala bażi tas-sentenza tagħha.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeċiedi l-kawża billi:**

**1. tilqa’ l-ewwel talba;**

**2. tilqa’ t-tieni talba;**

**3. tillikwida l-assi ta' Anthony Cassar billi tiddikjara li jikkonsistu fil-kont CFC Savings Bond GBP miftuħ fil-21 ta' Novembru, 1988 li jġib in-numru 235016826 jew 023032865451 jew xi numru ieħor assenjat lill-istess kont sussegwentement mill-Bank depositat ma' l-HSBC Bank Malta plc ta' ċirka tmint elef, tliet mija, wieħed u disgħin (8,391) Lira Sterlina; kont fiss numru 237001052 jew 023032865100 miftuħ fit-12 ta' Lulju, 1988 li għandu bilanċ ta' ċirka elfejn, disa' mija u għaxar Euro (€2,910) (HSBC Bank Malta plc) u kont Bearer fil-fergħa ta' l-HSBC il-Ħamrun bin-numru 023117492-050 bil-bilanċ ta' ċirka ħamest elef, ħames mija u tlettax-il Euro (€5,513); u nofs l-investimenti a fol 112 tal-proċess li huma żewġ stokk tat-teżor li għalqu fis-sena 1996 u 1998 rispettivament u seba' kontijiet fil-British Savings Bonds u tliet kontijiet National Savings Bonds;**

**4. tillikwida l-assi ta' Violetta Cassar billi tiddikjara li jikkonsistu f'nofs l-istess investimenti msemmija fil-paragrafu preċedenti a fol 112, kif ukoll CC Savings GBP miftuħ fis-17 ta' Awissu, 1990 ma' l-HSBC Bank Malta bil-kont numru 235017970 jew 0233032063451 li għandu bilanċ ta' ċirka elf, ħames mija u sebgħa u ħamsin (1,557) Lira Sterlina u kont fiss numru 237004914 jew 023032063100 miftuħ fit-18 ta' Mejju, 1989 ma' l-HSBC Bank Malta li għandu bilanċ ta' ċirka sitt mija u erbgħa u sebgħin Euro (€674);**

**5. tassenja l-assi ta' Violetta Cassar kwantu għal nofs ($^1/_2$) lill-attriċi Yvonne Preca, sest ($^1/_6$) lill-konvenut assenti John Grech u terz ($^1/_3$) kull wieħed lill-atturi Victor u Frederick Valentino;**

**6. tassenja l-assi ta' Anthony Cassar kwantu għal kwart ($^1/_4$) lill-konvenut John Grech u tlieta minn tmienja ($^3/_8$) kull wieħed lill-atturi Victor u Frederick Valentino;**

**7. tordna li jiġu assenjati l-legati mħollija mill-mejta konjuġi Cassar skond it-testment ta' Violetta Cassar fid-19 ta' Ottubru, 1981 in atti Nutar Anthony Grech Trapani u dak ta' Anthony Cassar datat 20 ta' Lulju, 1991 in atti Nutar Joseph Bonello u għalhekk lill-attriċi Yvonne Preca l-għamara u mobbli eżistenti fid-dar ta' residenza tal-mejta u lill-atturi Frederick u Victor Valentino kull sehem li kellu Anthony Cassar fil-fond jew kerrejja numru 91, Triq Merkanti, Valletta;**

**8. tinnomina lin-Nutar Dottor Bartolomeo Micallef biex jippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Gabrielle Buttigieg bħala kuratur biex tirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att li għandu jiġi ppubblikat fid-data li tiġi ffissata mill-Qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet.**

**L-ispejjeż tal-kawża u tal-kuntratt relattiv jitħallsu in kwantu għal kwart ($^1/_4$) minn kull parti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------